## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KAWŻA. NRU. 8032/2023: **IL-PULIZIJA (SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL, SPETTUR DORIANNE TABONE) V. ELIANA ESPINOSA MEJIA (P.K. AY448309)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**6 ta' Ottubru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Eliana Espinosa Mejia ("l-imputata") mwielda fid-19 ta' Lulju 2000 ġewwa l-Kolombja, residenti ġewwa Forrest Court, Flat 4, Triq Forest, San Ġiljan u detentriċi tal-passaport Kolombjan bin-numru AY448309 u ċioe talli f'dawn il-Gżejjer, u/jew ġewwa Forrest Court, Flat 4, Triq Forest, San Ġiljan, fl 4 ta' Ottubru 2023 u fil-ġimghat u xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. **Kellha fil-pussess taghha 'droga' u/jew 'sustanza psikoattiva gdida' (ecstasy) hekk kif definita fl -artikolu 118A (1) tal- Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta w dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta Malta, liema medicina nstabet f'tali cirkastanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;**

2. **Kellha fil-pussess taghha il-pjanta Khat fl-intier taghha jew xi porzjon minnha u dan bi ksur ta' l- artiklu 40B tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;**

wara li rat illi ġiet mitluba ukoll illi f'każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.:

wara li rat li ġiet mitluba ukoll illi f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-ħatja tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat illi rat li fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2023, meta l-imputata tressqet taħt arrest hija wieġbet li kienet ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha,

wara li rat li l-Qorti wissetha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u tatha ftit taż-żmien billi pposponiet il-kawża għal ftit minuti, biex jekk trid terġa' lura minnha u dan wara li jkollha l-opportunita li tikkonsulta mill-ġdid mal-avukati tagħha,

wara li rat illi l-imputata kkonfermat li kienet qed iżomm ferm fuq l-ammissjoni tagħha għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha,

qed tagħti din is-

## Sentenza

Il-Qorti qieset illi l-imputata għamlet ammissjoni bikrija u dan wara li kienet ukoll ikkoperat bis-sħiħ mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom. Qieset ukoll il-fedina penali nadifa tagħha.

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti fil-liġi u ċioe l-Artikoli 40A, 40B(1), 40B(2)(b), 118A(1)(c), 120A(2)(b)(i) u l-Iskeda numru 3 tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja fuq ammissjoni tagħha stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha u tikkundanna tiskonta piena karċerarja ta' erbatax (14)-il xahar u tħallas multa ta' ħames mitt euro (€ 500). Il-Qorti tordna li l-oġġetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jiġu konfiskati favur il-Gvern, u kull oġġett hekk ikkonfiskat għandu, jiġi distrutt. Fir-rigward tal-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti (inkluż dawk li ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta) skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fin-nuqqas ta' rendikont ta' dawn l-ispejjeż, il-Qorti tordna komunika lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jipproċedi skond l-Art. 533(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |